**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2023

19 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

## 12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

12.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sinjuri Noyah Spiteri Hammett u Melanie Agius kienu baghatu korrispondenza li permezz taghha kien talbu lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghhom mis-seduta ghal ragunijiet personali. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-assenza tal-Kunsilliera Spiteri Hammett u Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

12.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 11B/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

12.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Rita Gatt issekondata mis-Sur James Cauchi  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

12.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**12.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi nhar it-22 u 23 ta' Settembru 2023 kien inzamm b'success, il-Cospicua Short Play Festival 2023 u rringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod kienu ta' kontribut.

12.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi nhar nhar it-22 ta' Settembru 2022 kienet inzammet attivitaì bl-isem ta' il-Parlament taz-Zghazagh li permezz taghha zghazugh minn kull lokalita' kien ghamel diskors fil-Parlament Malti. Ghal Bormla kien prezenti is-Sur Glauber Spiteri Galea.

12.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi nhar it-22 ta' Settembru 2023 kienet inzammet laqgha bejn rapprezentanti tal-Kunsill Lokali u l-ischool grannies tal-lokalita' li matulha kienet giet diskussa l-hidma tal-istess individwi fil-komunita' lokali.

12.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-24 ta' Settembru 2023 kienet inzammet laqgha mas-Sindku ta' Caltagirone li matulha kienu gew diskussi diversi possibilitajiet ta' kollaborazzjoni.

12.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi bhala parti mill-European Week of Sports, kienet ittellghet attivita' ta' bocci nhar l-14 ta' Ottubru 2023 li ghaliha kienu ppartecipaw numru sostanzjali ta' ghaqdiet mil-lokalita'.

12.3.6 Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier Martin Vella illi b'mod volontier kien hadem zewg skrivaniji sabiex jintuzaw mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali gewwa l-ufficcju tal-istess Kunsill Lokali.

12.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha ma' District Operations Ltd. b'konnessjoni ma haddiema assenjata mal-Kunsill Lokali u kien hemm suggeriment illi jew jintbaghat rapport b'mod ufficjali jew issir laqgha mal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha ssir laqgha ma' avukat sabiex jittiehed parir legali umbaghad il-Kunsill Lokali jipprocedi.

12.3.8 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif ippjanat kienet inkixfet plakka kommemorattiva fi Triq San Gorg.

**12.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

12.4.1 Il-Kunsilliera Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat meta ser jitwahhal defibrillator li kien inxtara?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Konxji li kien hemm dewmien eccessiv. Ser naraw illi l-apparat jitwahhal fl-iqsar zmien possibbli'.

12.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar is-sitwazzjoni tal-contracts manager?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Wara ittra legali li kien ircieva l-Kunsill Lokali kien hemm sensiela ta' korrispondenza bejn l-avukati. Jidher illi l-kaz jisa' jigi kunsiderat maghluq u ser inkunu qieghdin nipprocedu billi nohrorgu sejha ghall-offerti mill-gdid bl-istess kundizzjonijiet ta' dik precedenti'.

12.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : ' Hemm xi aggornmenti rigward stop signs fi Triq San Frangisk?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ' Ghadna niddiskutu l-materja ma' Transport Malta li min-naha taghha ghadha ma kkonkludietx b'decizjoni dwar il-materja u r-ratifikazzjoni'.

12.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat rigward proposta li kienet saret sabiex isir dawl ma' belisha lights fi Triq Dom Mintoff?'
Is-Sindku wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin nibghatu reminders sabiex il-materja tinghata prijorita'.

12.4.5 Il-Kunsillier Johann Scerri rrimarka illi vetturi tal-korp tal-pulizija kienu qieghdin regolarment jimblokkaw vetturi privati fiz-zona ta' biswit l-ghassa tal-pulizija b'parkegg abuziv. Huwa sahaq illi dwar il-materja gibed l-attenzjoni ta' dawk involuti direttament.

12.4.6 Il-Kunsillier James Cauchi staqsa: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar l-istadju ta' installazzjoni ta' CCTV Cameras li dwarhom qabel il-Kunsill Lokali?'

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ‘ Nippjanaw illi f’Novembru 2023 jibdew jitwahhlu l-ewwel cctv cameras’.

**12.5.1 Approvazzjoni ta’ skedi ta’ hlasijiet**

12.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru09/23) ghall-approvazzjoni.

12.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. Il-Kunsillier Martin Vella qal li huwa kien qieghed jivvota kontra l-pagamenti dovuti b’konnessjoni mas-servizz ta’ gbir ta’ skart goff (DOK A).

12.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ petty cash mahrug waqt ix-xahar ta’ Settembru 2023.

12.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**12.6 Mozzjonijiet**

12.6.1 Mozzjoni numru 12/2023 (VIII)
Qed inressaq din il-mozzjoni sabiex il-parkeggi li qeighdin ezatt mal-gate tal-Middle School fi Triq Alessandra jinzammu battala fil-hinijiet tad-dhul u hrug tal-istudenti mill-iskola. Dan Peress li l-vetturi pparkjati qed ikunu ta’ ostaklu kemm ghall-istudenti kif ukoll ghat-trasport tal-istess skola. Irridu nikkunsidraw ukoll li din it-triq tkun miftuha ghat-traffiku f’dawn il-hinijiet.
Proponent : Martin Vella
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b’votazzjoni unanima.

**12.7 Rapporti**

12.7.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jordna zebgha tat-toroq f’numru ta’ toroq minghand l-orhos fost tliet stimi migbura, bl-ispiza relativa tilhaq is-somma ta’ €1124.30
- B’konnessjoni mal-iskema ‘Sebbah il-lokal’, li kienet inharget mill-Awtorita’ tal-Ippjanar, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jivverifika jekk pjazza li kien hemm fi Triq l-Inkoronazzjoni kenitx eligibbli ghall-iskema.

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni sabiex jinxtara b'€500 ikel ghall-qtates u jitqassam lill-feeders fil-lokalita'.
- Kien hemm qbil illi d-delegazzjoni li kellha tattendi ghall-ftuh tal-konsolat Malti gewwa l-Kosovo kellha tkun komposta mis-Sindku, il-Vici-Sindku u s-Sinjuri Martin Vella u Melanie Agius.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni sabiex jitpinga disinn fi spazju miftuh li kien hemm biswit anfitejatru hdejn l-Universita' Amerikana ta' Malta mill-artist Joseph Zahra.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jsir reklam fuq publikazzjoni li kien ser johrog il-kazin tal-banda San Gorg ghal spiza ta' €100.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tinzamm diskussjoni minn professjonisti ghar-residenti b'konnessjoni ma' sahha mentali.
- Il-Kunsilliera Rita Gatt kellha tiehu hsieb tikkordina attivita' ghall-anzjani gewwa Esplora wara li l-Kunsill Lokali kien ircieva offerta vantaggjuza minghand l-istess entita'.
- Il-Kunsill Lokali qabel u kkonferma illi fondi li- Regjun Port kien alloka ghal attivitajiet kellhom jintuzaw ghal attivita' li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jtella' fi zmien il-Milied.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'laqgha li kienet inzammet bejn Cospicua Boating Group u Transport Malta u korrispondenza li Cospicua Boating Group kienet baghtet wara l-istess laqgha.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienu ingabru stimi ghal manufattura u installazzjoni ta' hadid fi grawnds Peppi Delceppo. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kemm il-darba ma jaslux stimi orhos, il-Kunsill Lokali kellu jipprocedi.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat u qabel ma' proposta tal-Vici-Sindku sabiex tittella' attivita' ghat-tfal fl-okkazzjoni ta' Halloween.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jigi kkummissjonat it-tindif ta' spralli minghand l-orhos offerent fost l-istimi migbura.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jhallas is-somma ta' €2000 sabiex jissiehed fl-organizzazzjoni Focus Europe bil-ghan illi jircievi assistenza fi progetti li kienu jaqghu taht il-kappa tal-Unjoni Ewropeja.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat u ddiskuta numru ta siti li kienu qieghdin jigu proposti ghal installazzjoni ta' EV Charging Pillars.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'komunikat mid-divizjoni ghall-Gvern Lokali f'postijiet pubblici u qabel illi kellha ssir installazzjoni fi Pjazza Paolino Vassallo minflok Pjazza Santa Margerita.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi skema ghal parkeggi residenzjali li kienet inharget u qabel illi kellu japplika sabiex minn hdejn il-Knisja ta' Santa Tereza sa Wesghet il-Knisja tan-Nativita' ikun '*90 mins parking with no return within 120 mins except for residents'*.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi Project Green kellha tintalab tirrigenera zona f'san Gwann t'Ghuxau tibdel zewg sigriet mejta li kien hemm fi Pjazza Santa Margerita wara li l-istess entita' kienet talbet lill-Kunsill Lokali jidentifika zoni ghal thaddir.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-iskema ghal progetti kapitali.
- Il-Kunsill lokali qabel illi kellhom jigu implimentati talbiet ghal sinjali fi Triq l-Inkoronazzjoni wara li kienet waslet korrispondenza mill-ghassa tal-pulizija tal-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellhom isiru verifiki b'konnessjoni ma' ittra legali li kien ircieva l-Kunsill Lokali dwar allegat incident li kien sehh lura fl-2015 fi Triq San Gorg.

12.7.2 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu u Jannar-Settembru 2023. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall ir-rapporti, u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera, id-dokumenti gew approvati b'mod unanimu fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Rita Gatt.

12.7.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal dawl dekorattiv fi zmien il-Milied. Wara diskussjoni libera bejn il-membri tal-Kunsill Lokali prezenti kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jippublika sejha ghall-kwotazzjonijiet sabiex jigi armat dawl fit-toroq li tradizzjonalment jintramaw u alloka s-somma komplessiva ta' €14 000( erbatax il-elf ewro).

**12.8 Vakanza ta' ufficjal ezekuttiv fi Skala 13**

12.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kien gie ezawrit il-process amministrattiv, l-*interviewing board* mahtur mill-Kunsill Lokali kien ghamel rakkomandazzjoni illi s-Sinjura Stephanie Pace tigi ingaggjata mal-Kunsill Lokali. Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sinjura Stephanie Pace kellha tigi ingaggjata fil-grad ta' Ufficjal Ezekuttiv.

12.8.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-individwu maghzul mill-bord ta' intervisti mahtur ghall-vakanza ta' librar kien infurma lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jirtira l-kandidatura tieghi. Is-Sur Agius zied jghid illi peress li ma kien hemmx applikanti ohra, il-Kunsill Lokali ma kellu ebda alternativa ohra hlief li jerga johrog sejha ohra. Kien hemm qbil unanimu mill-membri prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.

12.8.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien hemm il-htiega illi l-Kunsill Lokali jahtar deputat Segretarju Ezekuttiv mill-gdid. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel illi s-Sa. Stephanie Testaferrata De Noto, Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar.

Is-Seduta ntemmet minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-Erbgha 25 ta' Ottubru 2023 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 22 ta' Novembru 2023

IFFIRMATA

____________________

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMATA

________________________

**Duncan Hall**

Segretarju Eżekuttiv